MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Mandat Numru. 84/2014/1

**Catherine Pace (ID 408870M)**

**vs**

**Jesmond Pace (ID 91768M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Catherine Pace (ID 408870M) datat 7 ta' April 2014 a fol 1 tal-process.

Rat id-digriet tas-7 ta' April 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat n-notifika lill-kontro parti li jkollu ghaxart ijiem (10) zmien biex iwiegeb. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat l-Mandat ta' Inibizzjoni ghall-24 ta' April 2014 f' 12.15 p.m.

Rat ir-risposta tal-intimat Jesmond Pace ghar-rikors ta' martu datata 23 ta' April 2014 a fol 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' April 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Frank Cassar ghar-rikorrenti prezenti. Deher l-intimat assistit minn Dr Sharon Mizzi. Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimat a fol 18 fejn l-intimat mhux ha jopponi ghat-talba tar-rikorrenti hlief ghall-kap ta' l-ispejjez. Inghata digriet: Il-Qorti rat li t-talbiet tar-rikorrenti dedotti fil-mandat jissodisfaw l-elementi rikjesti mil-ligi u ghalhekk hija gustifikata t-talba li jinhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq il-beni immobbli u mobbli hemm indikati, ghalhekk laqghet it-talba bl-ispejjez kontra l-intimat.

Il-Mandat gie degretat.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi u *stante* wkoll l-ammissjoni tal-intimat, jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir-rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ghalhekk **tilqa' t-talba kif dedotta** ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

L-ispejjez tal-Mandat jithallsu mill-intimat.

**Degretat.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------